MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Numru. 445/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christoper Pullicino)**

**vs**
**Marthese Schembri ta’ 43 sena, bint Lawrence u Carmen nee’ Calenti, imwielda Pieta’ fit-23 ta’ Lulju 1967 u toqghod 3, Elaine Court, Flat 4, Triq is-Sibbien, Marsaskala u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 305367(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmiha Marthese Schembri li giet akkuzat talli fl-24 ta’ Dicembru 2003 ghal habta ta’ nofs in-nhar f’dawn il-Gzejjer:

1. Bil-qerq holqot jew gieghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu il-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra,

bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra is-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, iddenunjzat lill- Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.
3. U aktar talli fis-16 ta' Jannar 2004 halfet il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew ufficjal iehor minnhom inkarigat, li kellu is-setgha b'ligi li jaghti il-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tal-15 ta' Mejju 2007 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata tinsab akkuzata bi tlett imputazzjonijiet u cioe' ir-reati ikkontemplati fl-artikolu 110 subinciz (1) u (2) tal-holqien qarrieqi ta' provi foloz li l-awturi jiddefenuha bhala forma ohra ta' kalunnja msejha rejali u indiretta u tas-simulazzjoni ta' reat, kif ukoll ir-reat dwar il-gurament falz ikkontemplat fl-artikolu 108(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi il-fatti li sawwru dan il-kaz imorru lura ghal-lejliet il-Milied tas-sena 2003. L-imputata u ir-ragel taghha Neville Schembri kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni, izda kienu ghadhom jghixu taht l-istess saqaf fid-dar matrimonjali. Jidher illi f'din il-gurnata, nqala' argument bejn il-konjugi Schembri, f'liema argument jidher illi l-koppja spiccaw gew fl-idejn. L-imputata allegat illi zewgha refa' idejh fuqha, beda jaghtiha daqqiet ta' ponn fuq rasha, ipprova jifgaha u inoltre tirraporta lill-pulizija illi zewgha beda jigri warajha b'sikkina tal-kcina jheddidha li

ser joqtolha.[1] Hija harbet mid-dar flimkien ma' binha minuri u sabet kenn ghand il-gara taghha certu Lina Galea li cemplet lill-pulizija. Abbazi ta' dana kollu gew istitwiti proceduri kriminali fil-konfront ta' Neville Schembri fejn fost affarijiet ohra huwa gie akkuzat bir-reat tat-tentattiv ta'l-omicidju fuq il-persuna ta' martu, l-imputata fil-kaz odjern. L-imputat tressaq b'arrest quddiem il-Qorti u fost il-kundizzjonijiet imposti fuqu ghal helsien mill-arrest f'dik il-kawza huwa gie kostrett jallontana ruhh mid-dar matrimonjali. Illi fid-deposizzjoni li taghti Marthese Schembri imbaghad fil-kawza kriminali stitwita kontra zewgha, hija tinnega b'mod kategoriku illi kienet qalet lill-pulizija illi zewgha kien gera warajha b'xi sikkina u heddidha bil-mewt. Hija tghid illi zewgha uza vjolenza fuqha, sawwatha u ipprova jifgaha billi ghamel subajgh ma' ghonqha. Illi hija tghati l-istess verzjoni tal-fatti meta tixhed quddiem dina l-Qorti f'dawn il-proceduri u terga' ittenni illi hija qatt ma qalet lill-pulizija u cioe' la lill-ex surgent 475 Frank Cassar u lanqas lill-ex Spettur Alfred Mallia li dak iz-zmien kien qed jinvestiga il-kaz illi zewgha kien heddidha b'xi sikkina. Dawn iz-zewg ex ufficjali tal-pulizija madanakollu isostnu illi ir-rapport originali maghmul mill-imputata kien jindika illi kien hemm theddid b'dina l-arma u li kien ghalhekk abbazi ta' dana illi kienet inharget l-akkuza tat-tentattiv ta'l-omicidju.

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, kif diversament ippreseduta fis-16 ta' Dicembru 2005 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Neville Schembri, l-istess Neville Schembri kien gie illiberat minn l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu minhabba konflitt fil-provi. Fis-sentenza taghha il-Qorti stqarret: "***Illi mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta li hemm kontradizzjoni bejn ix-xhieda. Mhux talli hekk, izda anki Marthese Schembri tat versjoni lill-pulizija u ohra lill-Qorti. … Hu car li hawn dubbju serju ta' min qed jghid il-verita u 'il ghaliex inqala' dan il-kaz. …***"[2]

[1] Ara Dokument MS5 estratt mill-atti al-kawza Il-Pulizija vs Neville Schembri a fol.27 et. Seq., kif ukoll okkorenza esbeieta a fol. 72 Dokument AM

[2] Ara sentenza esebieta a fols. 47,48 u 49 tal-process

Illi ghalhekk abbazi ta' dana kollu u fuq kwerela maghmula minn Neville Schembri, l-pulizija istitwew il-proceduri odjerni fil-konfront ta'l-akkuzata fejn hija giet addebitata bir-reati hawn fuq indikati.

**L-artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9**:

Ir-reat ikkontemplat f'dan l-artikolu tal-ligi huwa meqjus fil-gurisprudenza kontinentali bhala forma ohra ta' kalunja minn dik ikkontemplata fl-artikolu 101 tal-Kapitolu 9. Dana peress illi filwaqt illi ir-reat taht l-artikolu 101 huwa meqjus bhala verbali u dirett, il-kalunja taht dina id-disposizzjoni tal-ligi hija imsejjha rejali u indiretta peress illi tikontempla il-fabrikazzjoni ta' provi foloz li jwasslu ghalbiex persuna tigi ingustament akkuzata jew misjuba hatja ta' reat kriminali. Il-Professur Mamo ighid hekk fin-noti tieghu:

***"The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence. On the other hand, the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct "such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority."*** (sottolinjar tal-Qorti)

Il-Maino ighid: " ***… percio' il delitto di calunnia reale non si puo dire perfetto finche il fatto non sia venuto a contatto con gli agenti della giustizia e' finche questi non abbiano perquesito e ritrovato.***"

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Mizzi[3] l-Qorti ghamlet distinzjoni bejn iz-zewg reati ikkontemplati fl-artikoli 101 u 110(1) tal_kodici Kriminali meta stqarret:

**"*Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(1) tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja rejali jew indiretta, u jiddistingwi ruhu mil-kalunja verbali jew diretta kontemplata fl-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent b'qerq, <u>materjalment</u> holoq jew <u>materjalment</u> gieghel li jidher li hemm fatt jew cirkostanza bl-iskop li dan il-fatt jew cirkostanza tkun tista' tingieb bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f'dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu il-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra billi jaghmel mill-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor, ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 101(1), mhux bizzejjed is-semplici kliem migjuba fil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghha wiehed dolosament jakkuza persuna quddiem awtorita kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innocenti, <u>izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizzji materjali bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna</u>.*"** (sottolinjar tal-Qorti)

Illi mill-fattispecje ta' dina l-kawza ma jidhirx illi dana huwa kaz ta' xi fabrikazzjoni ta' xi provi jew ta' xi fatti li jintuza bhala evidenza f' xi kawza kriminali kontra persuna partikolari. Dana huwa kaz ta' rapport maghmul lill-pulizija, fejn l-imputata irrapurtat fatti inveritjieri. Hawn ma hawn l-ebda fabrikazzjoni ta' xi evidenza. Li kieku ghal grazzja ta'l-argument, l-imputata minbarra li irrapurtat illi zewgha kien gera warajha b'xi sikkina, poggiet fuq il-mejda tal-kamra ta'l-ikel, xi sikkina tal-kcina li kienet giet precedentement uzata minn zewgha ghal xi skop legittimu fil-kcina, u hallietha hemmhekk sabiex meta il-pulizija jaghmlu xi tfittxija fil-kors ta'l-investigazzjoni dina tinstab bl-impronti digitali ta' zewgha fuqha, allura dawn il-fatti kienu jwasslu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(1).

[3] Per Prim. Imhallef Vincent DeGaetano deciza fis-16 ta' Frar 1998

Semmai jista' jirrizulta ir-reat tal-kalunja verbali u diretta billi r-rapport ta'l-imputata kien jikkonsisti biss fi kliem migjub bil-fomm u xejn izjed! Ghaldaqstant l-elementi legali li isawwru dana ir-reat ma jirrizulatwx u l-imputata ser tigi illiberata mill-istess.

**L-artikolu 110(2) – Is-simulazzjoni tar-reat**

Illi it-tieni akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputata tinkwadra ruhha fir-reat ikkontemplata fl-artikolu 110(2) u cioe' is-simulazzjoni tar-reat. Dina d-disposizzjoni tal-ligi giet mizjuda fil-kodici taghna permezz ta'l-Ordinanza IX ta'l-1911 u giet imfassla fil-maggior parti taghha fuq l-artikolu 211 tal-Kodici Taljan ta'l-1889. Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghandu dana xi ighid dwar dina d-disposizzjoni tal-ligi:

***"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. … This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence <u>there is no specific accusation against any determinate person</u> and <u>there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged</u> … (*****sottolinjar tal-Qorti*****). The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. … Finally <u>the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnous accusation</u>.(*****sottolinjar tal-Qorti*****)"***

Illi fis-sentenza hawn fuq iccitata Il-Pulizija vs David Mizzi jinghad is-segwenti fuq dina d-disposizzjoni tal-ligi:

***"Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indirecta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta'reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta'l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."***

Illi maghmulha dina l-esposizzjoni legali ta' dan ir-reat, hawnhekk ukoll, l-elementi legali li jsawwru dana ir-reat lanqas ma jirrizultaw f'dana il-kaz peress illi minn imkien ma irrizulta illi l-imputata kienet qed tipprova tohloq xi tracci ta' reat jew inkella illi kienet qed tipprova tohloq b'mod qarrieqi xi provi foloz jew iddenunzjat lill-pulizija xi reat li taf li ma sehhx. Mhux biss hekk izda l-imputata tindika il-persuna suspettata u ghalhekk certament l-akkuza ma hijiex legalment sostenibbli fid-dawl tal-fatti kif sehhew. Dana ir-reat jippostula sitwazzjoni fejn persuna tivvinta li sar xi reat jew bil-qerq tohloq xi provi jew tracci li sehh xi reat bhal per ezempju il-kaz li isehh ta' sikwit fl-edificju tal-Qorti fejn persuna taghmel rapport anonimu illi hemm xi bomba fl-edificju tal-Qorti, li hija s-simulazzjoni verbali jew diretta. Jew inkella li sabiex jivvinta li sofra serqa mid-dar tieghu, l-agent ikisser is-serratura, ihalli xi sellum ma' xi hajt jew inkella johloq it-taqlib sabiex il-pulizija jibdew jaghmlu l-investigazzjonijiet dwar ir-reat tas-serq - din hija s-simulazzjoni rejali u indiretta. Illi l-ghan ta'l-artikolu 110(2) huwa li jippenalizza il-persuna illi jivvinta li sar reat kemm b'mod verbali kif ukoll materjali, sabiex b'hekk jinbdew investigazzjonijiet kriminali bl-ghan li jigi accertat il-kummissjoni ta' dana l-allegat reat. Il-Professur Mamo ighid:

***"The specific malice of this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have been committed and not in the intent to harm, directly by the simulation, any other person."***

Illi ghalhekk maghmula dina l-esposizzjoni legali ma hemmx dubbju illi dana ma jinkwadrax ruhu fil-fattispecje tal-kaz in dizamina.

**L-artikolu 108(1) tal-Kapitolu 9 – il-gurament falz**

Illi finalment l-imputata qed tigi akkuzata bir-reat tal-gurament falz. L-artikolu 108(1) li jiddisponi:

***"Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jahlef il-falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu is-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, jehel, meta jinstab hati …"***

Dana ir-reat huwa ben distint minn dak ikkontemplat fl-artikolu 105 u dana peress illi wiehed jikkontempla ir-reat ta'l-hekk imsejjah ***"judicial perjury",*** filwaqt illi l-akkuza in dizamina tikkontempla ir-reat ta'l-hekk imsejjah ***"extra-judicial perjury***". Il-Professur Mamo f'dana il-kaz jelenka erba' elementi essenzjali li isawwru dana ir-reat u cioe':

**"(i) *a false statement*.**
**(ii) *wilfully made*.**
**(iii) *on oath***
**(iv) *before a person authorized by law to administer oaths*."**

Illi l-Qorti tistqarr mal-ewwel illi l-imputata qatt ma tista tinstab hatja ta' dana ir-reat. Hija akkuzata talli fis-16 ta' Jannar 200 tghat xhieda falza. Illi ma hemmx dubbju illi hija xehdet quddiem il-Qorti tal-Magistrati f'proceduri kriminali pendenti fil-konfront ta' zewgha. Hawnhekk biss hija giet moghtija il-gurament. Illi semmai, l-imputata messha giet akkuzata bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 105 ta'l-ispergur fi proceduri kriminali u mhux taht dina id-disposizzjoni tal-ligi li tikkontempla reat kemmxejn

differenti, ghaliex kif tixhed in-nomenklatura moghtija fil-ligi penali Ingliza ir-reat ikkontemplat hawnhekk huwa ir-reat ta' spergur f'proceduri extra gudizzjarji **(*extra judicial perjury*)** u kwindi mhux f'Qorti tal-Gustizzja. Ghaldaqstant l-imputata ma seta' qatt jigi addebitat lilha dana ir-reat u dana peress illi x-xhieda taghha hija xhieda moghtija f'kawza kriminali u tista' tammonta biss ghal judicial perjury kif ikkontemplat fl-artikolu 105 tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-imputata qed tigi illiberata minn kull akkuza migjuba fil-konfront taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------